# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

L-EWWEL KTIEB TA' L-1937

## ĦUĠĠIEĠA TA' WARD MALTI

Aħna dejjem għidna illi fl-imgħoddi ma kelniex letteratura għanja u sabiħa mhux għaliex ma kienx hemm is-setgħet tagħha fil-ġens malti, iżda għaliex dawk is-setgħet kienu maħnuqin u maħqurin mir-riħ ta' l-għira, mill-kesħa tal-biża' u mil-lupa tal-mibegħda.

U fissirna wkoll bosta drabi l-fehma tagħna illi jekk xi darba tiddi fuq l-art maltija x-xemx ta' rebbiegħa sabiħa u l-ilma ta' rieda tajba jsaqqiha, dawk is-setgħet bħal żrieragħ f'art tajba, kellhom il-ħila jitħarrku, inibbtu, jarmu u jwarrdu; u kienet din ukoll ittama tagħna.

Issa donnu li xemx ħelwa ta' April qiegħda tisreġ ħanina fuq din il-Gżira, u l-fehmiet u t-tamiet tagħna qegħdin iseħħu. Ħuġġieġa ta' ward letterarju malti fetaħ f'dawn l-aħħar snin u qiegħed ilellex ġmielu bi lwien sbieħ u jarmi fwieħa ħelwa.

Aħna li dejjem ħabbejna l-Isien tagħna u għamilna dmirna kollu biex narawh jikber, jissaħħaħ u jistagħna b'letteratura xierqa lil ġens ċkejken, iżda għaqli u ta' fehmiet qawwija, ma stajniex ma nitgħaxxqux b'din ittwarrida mżewqa fid-daqs u fil-lwien; iżda dak li għax-

xaqna l-iżjed kien illi l-fwieħa ta' dan il-ward ma beqgħetx magħluqa fid-dar u fil-ġnien tagħna, iżda xterdet il barra mix-xtut, qasmet il-baħar u waslet f'artijiet oħra fejn hemm nies li titkellem bi lsien li mhux il-sienna, u għandha drawwiet li ma humiex tagħna. Hekk għidna wkoll fl-artiklu ta' quddiem ta' l-aħħar Għadd ta' "Il-Malti".

Iżda minn dak-in-nhar il hawn ferrħitna l-aħbar illi fil-"Bulletin of Oriental Languages" ta' Londra issemmew b'tifħir xi erba' wardiet magħżulin minn din il-Ħuġġieġa ta' ward malti; wardiet li għada bitgħada jistgħu jkunu mraqqdin biex iżejnu l-ġonna ingliżi.

U mhux anqas ferrħitna l-aħbar illi fuq ix-xtut ta' l-Affrika fejn kibret belt sabiħa li donnha l-oħt iż-żgħira ta' Pariġi, inġabar ukoll bukkett ward minn din il-Ħuġġieġa ta' fjuri maltin, irtabat u żżejjen b'żagarella tal-ħarir bajda, ħamra u blu, u tqiegħed ġo važett tal-kristall safi biex ikun jista' jarah kulħadd hemmhekk; u ma tkunx ħaġa kbira li l-ġmiel tiegħu jkun imxandar mal-bliet ta' l-Ewropa kollha jekk mhux ukoll lil hinn minn dan il-kontinent.

Aħna ma rridux niġru wisq bil-fantasija tagħna; iżda nobsru illi jekk ix-xemx tar-rebbiegħa tibqa' tisreġ ħanina ftit ieħor fuq l-art letterarja ta' Malta u ma tiġix warajha xitwa qalila ta' kesħa, ta' bard u ta' ġlata, il-Ħuġġieġa ta' ward malti tibqa' dejjem tiġġedded u toktor u tisbieħ li ġġiegħel lil bosta ta' rieda mejta u ta' fehma lubiena jtennu mistagħġba: "Qatt ma konna nobsru!"